

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11459/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0407 (COD)

TRANS 482
CH 28
CODEC 1382

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li l-Awstrija tingħata s-setgħa li temenda l-ftehim bilaterali eżistenti tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-lżvizzera bil-għan li tawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni ta' mal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mis-6 sad-9 ta' Lulju 2026)

I. INTRODIZZJONI

Fl-10 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq b'xi aġġustamenti inklużi fl-Anness tal-ittra tal-10 ta' Ġunju 2026 mingħand il-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti lill-Presidenti tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN), il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fl-1 ta' Lulju 2026, ir-rapporteur, Elissavet VOZEMBERG-VRIONIDI (PPE, EL), ippreżentat rapport f'isem il-Kumitat TRAN, bl-għan li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi aċċettata bl-aġġustamenti msemmija hawn fuq.

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-7 ta' Lulju 2026 li tikkorrispondi għat-test fl-anness tal-ittra msemmija hawn fuq, kif rivedut mill-ġuristi-lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument¹, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet*.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'**tipa grassa u bil-korsiv**.

* L-iformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2026)0241

Servizzi tat-trasport internazzjonali bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni ta' mal-fruntiera: operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn l-Awstrija u l-Iżvizzera

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2026 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li l-Awstrija tingħata s-setgħa li temenda l-ftehim bilaterali eżistenti tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-Iżvizzera bil-għan li tawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni ta' mal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi (COM(2025)0773 – C10-0367/2025 – 2025/0407(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0773),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 2(1) u 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0367/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Ġunju 2026 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2026¹,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 41 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A10-0174/2026),
- 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C, C/2026/1970, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1970/oj>

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Lulju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti lill-Awstrija s-setgħa li temenda l-ftehim bilaterali tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-Iżvizzera bil-għan li tawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni tal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

² ĠU C, C/2026/1970, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1970/oj>.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2026.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 20(1) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Oġġetti u Passiġġieri bil-Ferrovija u bit-Triq⁴ ("il-Ftehim UE-Żvizzera"), it-trasport ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank bejn żewġ punti li jinsabu fit-territorju tal-istess Parti Kontraenti għall-Ftehim UE-Żvizzera minn trasportaturi stabbiliti fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, magħruf bħala l-kabotaġġ, mhuwiex awtorizzat.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 20(2) tal-Ftehim UE-Żvizzera, id-drittijiet ta' kabotaġġ eżistenti stabbiliti fi ftehimiet bilaterali konklużi bejn l-Istati Membri u l-Iżvizzera li kienu fis-seħħ meta ġie konkluż il-Ftehim UE-Żvizzera fil-21 ta' Ġunju 1999, jistgħu jibqgħu jiġu eżerċitati dment li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi stabbiliti fl-Unjoni u l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-ftehim bilaterali dwar it-trasport bit-triq bejn l-Awstrija u l-Iżvizzera tat-22 ta' Ottubru 1958⁵ (il-"Ftehim Awstrija-Żvizzera") ma jawtorizzax l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ matul l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank bejn iż-żewġ pajjiżi. Għalhekk, id-dritt li jitwettqu tali operazzjonijiet mhuwiex fost id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(2) tal-Ftehim UE-Żvizzera.

⁴ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91,
ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2002/309\(3\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2002/309(3)/oj).

⁵ BGBl. (Awstrija) Nru 123/1959.

- (3) Impenji internazzjonali li jippermettu lit-trasportaturi stabbiliti fl-Iżvizzera jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-Unjoni jistgħu jaffettwaw l-Artikolu 20 tal-Ftehim UE-Żvizzera, peress li dak l-Artikolu ma jawtorizzax tali operazzjonijiet.
- (4) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jippermetti li jsiru operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-Unjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, esklużivament minn trasportaturi li għandhom liċenzja Komunitarja. Impenji internazzjonali li jippermettu lit-trasportaturi minn pajjiżi terzi, li ma jkollhomx tali liċenzja, li jwettqu operazzjonijiet ta' dak it-tip jistgħu jaffettwaw dak ir-Regolament.
- (5) Konsegwentement, tali impenji internazzjonali jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw, jew jidħlu, f'impenji bħal dawn biss jekk ikollhom is-setgħa li jagħmlu hekk mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1073/oj>).

- (6) L-operazzjonijiet ta' kabotaġġ li jitwettqu fi ħdan l-Unjoni minn trasportaturi minn pajjiżi terzi li ma jkollhomx liċenzja Komunitarja kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi bil-kowċ u x-xarabank, kif stabbilit minn dak ir-Regolament. Għalhekk huwa neċessarju li tingħata setgħa skont l-Artikolu 2(1) TFUE mil-leġiżlatur tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 91 TFUE.
- (7) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Marzu 2025, l-Awstrija talbet li l-Unjoni tagħtiha s-setgħa li temenda l-Ftehim Awstrija-Żvizzera bil-għan li jiġu awtorizzati l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Awstrija u l-Iżvizzera, u b'hekk titrawwem koeżjoni territorjali akbar.
- (8) L-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jippermettu li jiżdied il-fattur tat-tagħbija tal-vetturi, li jtejjeb l-effiċjenza ekonomika waqt l-għoti tas-servizzi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank. Għalhekk huwa xieraq li jiġu awtorizzati tali operazzjonijiet waqt l-għoti ta' servizzi internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Awstrija u tal-Iżvizzera. Dan jista' jsaħħaħ aktar l-integrazzjoni mill-qrib ta' dawk ir-reġjuni tal-fruntiera.

- (9) Sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ikkonċernati ma jbiddlux eċċessivament il-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi bil-kowċ u x-xarabank, kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1073/2009, l-awtorizzazzjoni ta' tali operazzjonijiet ta' kabotaġġ jenħteġ li tkun bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn trasportaturi stabbiliti fl-Unjoni u l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- (10) Għall-istess raġuni, jenħteġ li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ikunu awtorizzati biss fir-regġuni tal-fruntiera tal-Awstrija waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank bejn l-Awstrija u l-Iżvizzera. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li r-regġuni tal-fruntiera tal-Awstrija jiġu definiti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni b'mod li jitqies kif xieraq il-funzjonament tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, filwaqt li jippermetti li tiżdied l-effiċjenza tal-operazzjonijiet ikkonċernati,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Awstrija b'dan tingħata s-setgħa li temenda l-ftehim bilaterali eżistenti tagħha dwar it-trasport bit-triq bejn l-Awstrija u l-Iżvizzera tat-22 ta' Ottubru 1958 (il-"Ftehim Awstrija-Żvizzera") bil-ħsieb li tawtorizza operazzjonijiet ta' kabotaġġ fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Awstrija u tal-Iżvizzera waqt l-għoti ta' servizzi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank bejn iż-żewġ pajjiżi, dment li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi stabbiliti fl-Unjoni u l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Id-distretti amministrattivi ta' Bludenz, Bregenz, Dornbirn u Feldkirch fir-reġjun ta' Vorarlberg u d-distrett ta' Landeck fir-reġjun tat-Tirol għandhom jitqiesu li huma reġjuni tal-fruntiera tal-Awstrija skont it-tifsira tal-ewwel paragrafu.

Artikolu 2

L-Awstrija għandha tinforma lill-Kummissjoni bl-emenda tal-Ftehim Awstrija-Żvizzera skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bit-test tal-ftehim emendat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
